IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

10 ta' Lulju 2014
70/2014

## MESSAĠĠ TAL-ARĊISQOF PAWLU CREMONA O.P.

## FL-OKKAŻJONI TAL-'LEJLA TA' SOLIDARJETÀ' TAL-CARITAS MALTA

Il-Knisja f'pajjiżna permezz tal-Caritas kienet pijuniera fil-ġlieda kontra d-droga, u kienet pijuniera fir-rijabilitazzjoni tal-persuni li kienu jieħdu d-droga.

Issa li ħarġet il-*White Paper* "Riforma tal-liġijiet dwar id-drogi tal-abbuż", il-Knisja trid tagħti sehma fid-diskussjoni li bdiet. Ovvjament, irid ikun hemm ħafna kunsiderazzjonijiet u riċerka li ddawwalna.

Naħseb li dawn huma xi prinċipji li jridu jiġu mħarsin:

- Li d-droga hija ħażina mhux għax kienet illegali, iżda hi llegali għaliex għandha effetti ħżiena fuq dawk li jeħduha.
- Li jibqa' jkun hemm inċentivi biex il-vittmi joħorġu minnha. Il-periklu hu li għaliex il-cannabis mhux se twassal għall-Qorti, xi wħud jinsew l-effetti ħżiena li jibqa' jkollha fuq min jeħodha. Fl-Istati Uniti sar studju fuq il-cannabis u sabu li żdied l-użu tagħha minn mindu din saret legali. U r-raġuni hi li qed jinsew l-effetti tagħha.
- Li waqt li jiġu aġevolati l-vittmi tad-droga, tkompli u tiżdied il-ġlieda kontra t-traffikanti tad-droga għaliex xorta se jibqa' suq għaliha.
- Li jkomplu jsiru kampanji fuq l-effetti tad-drogi kollha, anki fl-iskejjel.

L-esperjenza tagħna f'dan il-qasam għalmitna li r-rijabilitazzjoni mid-droga hija proċess twil u ta' tbatija. Għalhekk nappella li d-diskussjoni ssir ukoll b'viżjoni fit-tul fejn ma ninsew qatt l-effetti ta' kull tip ta' droga. Il-Knisja, anki jekk jitbiddel ix-xenarju preżenti, tibqa' żżomm il-persuna fiċ-ċentru tal-missjoni tagħha u għalhekk tibqa' toffri s-servizzi tagħha f'dan il-qasam.

✠ **Pawlu Cremona O.P.**
Arċisqof ta' Malta

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org